**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 72/2012**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Terry (Teresino) Muscat**
**(ID 543971(M))**

**Illum, 25 ta' Settembru, 2015**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Terry (Teresino) Muscat ta' 41 sena, iben Raphael u Maria nee` Tabone, imwieled Cospicua nhar it-22 ta' Dicembru 1971, residenti Flat 1, Wesgha l-Knisja tan-Nativita`, Blokk B, Bormla, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 543971(M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fis-6 ta' Frar 2012 u matul l-erbatax-il xahar ta' qabel din id-data:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien

awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess u talli kkommetta l-imsemmi reat kriminali fi/jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zghazagh u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu;

c) U aktar talli fl-istess zminijiet kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza

dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2013, il-partijiet iddikjaraw li kienu qed jezentaw lill-Qorti, kif presjeduta, milli terga' tisma' l-provi migjuba sa dakinhar quddiem il-Qorti, kif diversament presjeduta;

Semghet trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**:

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Htija</u>**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti:

1. Nhar is-6 ta' Frar 2012, waqt tfittxija fir-residenza tal-imputat, pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga ossia PS 635 Alan Calleja, WPS 86 Diane Fenech u PC 213 Nicolai Borg, elevaw mill-kamra tas-sodda tal-istess imputat, minn wara l-komodina, kontenitur abjad tal-*plastic* zghir li kien fih qratas b'sustanza suspettata eroina u sustanzi suspettati raza tal-*cannabis*. F'*dustbin* fil-bitha nstabu diversi bicciet tal-karti maqtughin u bicciet tal-*foil*.[1] L-imputat gie arrestat u ttiehed gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija ghal investigazzjoni ulterjuri, fejn irrilaxxja stqarrija dakinhar stess.[2]

2. Nhar il-5 ta' Gunju 2011, pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga u cioe` WPC 127 Carmen Gauci u PS 1086 Johann Micallef waqqfu lil certu Daryl John Cachia hekk kif kien diehel fir-residenza tieghu gewwa Hal Tarxien u fil-pussess tieghu nstabu tlett iqratas b'sustanza suspettata eroina[3]. L-istess Cachia rrilaxxja stqarrija li giet ikkonfermatha minnu bil-gurament fil-5 ta' Gunju 2011 stess, fejn huwa indika lill-imputat odjern bhala l-persuna li minghandu kien xtara d-droga li nstabet fil-pussess tieghu.[4]

3. Nhar it-30 ta' Lulju 2011, certu Anthony Theuma gie mwaqqaf mill-pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga, fosthom PC 213 Nicolai Borg u fil-pussess tieghu nstab qartas bi trab kannella suspettat eroina. Dan gie arrestat u

---

[1] Xhieda ta' PC 213 Nicolai Borg, a fol. 138 *et seq* tal-process.
[2] L-istqarrija tinsab esebita a fol. 22 *et seq* tal-process.
[3] Xhieda ta' PS 1086 Johann Micallef, a fol. 28 *et seq* tal-process; xhieda ta' WPC 127 Carmen Gauci, a fol. 113 *et seq* tal-process.
[4] Il-process verbal dwar din ix-xhieda jinsab esebit a fol. 26 tal-process.

investigat ulterjorment[5] u rrilaxxja stqarrija, liema stqarrija sussegwentement ikkonfermaha bil-gurament tieghu fl-istess jum tat-30 ta' Lulju 2011.[6] Anthony Theuma indika lill-imputat bhala l-persuna li minghandu xtara d-droga li nstabet fil-pussess tieghu.

Illi mir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut[7] jirrizulta illi d-dokument li gie moghti ghall-analizi kien jikkonsisti fis-segwenti:

- Envelope li kien fih borza tal-*plastic* trasparenti li kien fiha *ID card,* karta bil-kliem 'Data 6-2-12 Hin 9.30am Elevat/i minn taht il-komodina fil-presenza ta' Terry Muscat minn PS 635 u PC 213', bott tal-plastik ta' lewn abjad li fih sustanzi ta' lewn kannella, bicca plastik trasparenti li fiha trab ta' lewn kannella u tliet qratas tal-karti li kien fihom trab ta' lewn kannella.

Jirrizulta mill-istess relazzjoni illi s-sustanzi ta' lewn kannella rrizultaw pozittivi ghal *Tetrahydrocannabinol* u kellhom piz ta' 1.93 grammi, it-trab kannella gewwa l-bicca plastik trasparenti kien fih l-eroina u kellu piz ta' 1.97 grammi u t-trab kannella fit-tlett iqratas kien fih l-eroina u kellu piz ta' 0.08 grammi, 0.05 grammi u 0.06 grammi rispettivament.

- Borza tal-plastik trasparenti li kien fiha karta bil-kliem 'Data 30-7-11 Hin 12.00hrs Elevat/i minn pakkett tas-sigaretti fil-karozza fil-presenza ta' Anthony Theuma ID 422369(M) minn PC 213, PC 777' u qartas tal-karti li kien fih trab ta' lewn kannella;

Mill-istess relazzjoni, jirrizulta illi dan it-trab kien fih id-droga eroina u kellu piz ta' 0.05 grammi.

- Borza tal-plastik trasparenti li kien fiha karta bil-kliem 'Data 6-2-12 Hin 9.30 Elevat/i minn barmil tal-hadid fil-presenza ta' Terry Muscat minn PC 213, PS 635' u diversi karti u bicciet tal-plastik u *foil* li fih ticpis ta' lewn iswed.

Mir-relazzjoni, jirrizulta illi dan il-*foil* kien pozittiv ghall-eroina.

- Borza tal-plastik trasparenti li karta bil-kliem 'Data 5-6-11 Hin 11.00am Elevat/i minn gewwa l-but tas-shorts fil-presenza ta' Darren Cachia ID

[5] Xhieda ta' PC 213 Nicolai Borg, a fol. 139 *et seq* tal-process.
[6] Il-process verbal dwar din l-istqarrija jinsab esebit a fol. 27 tal-process.
[7] Din ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 177 tal-process.

345486(M) minn PS1086, WPC 127 u tlett iqratas li kien fihom trab ta' lewn kannella.

Skond ir-relazzjoni, fit-trab li kien f'dawn it-tlett iqratas instabet id-droga eroina u t-trab fil-qratas kien fih piz rispettiv ta' 0.04 grammi, 0.05 grammi u 0.05 grammi.

Il-bqija tal-oggetti analizzati mill-espert m'humiex relevanti ghal din il-kawza ghaliex huma oggetti ohrajn li nstabu fil-pussess ta' Daryl John Cachia u cioe` fil-vettura u fil-kamra tas-sodda tieghu, li ghalkemm huma wkoll droga jew konnessi mal-uzu tad-droga, m'humiex relatati ma' dan il-kaz.

Fir-relazzjoni tieghu, l-espert Godwin Sammut imbaghad ikkonkluda illi l-purita` tas-sustanza *Tetrahydrocannabinol* kienet ta' cirka 5% (hawnhekk l-espert qed jirreferi kemm ghas-sustanza misjuba fil-pussess tal-imputat, kif ukoll dik misjuba fil-pussess ta' Daryl John Cachia), fil-waqt illi l-purita` tat-trab ghad-droga eroina kienet ta' cirka 25% (hawnhekk l-espert qed jirreferi ghall-purita` tat-trab kollu li fih instab l-eroina u ghalhekk dak li nstab fil-pussess tal-imputat, fil-pussess ta' Anthony Theuma u wkoll dak fil-pussess ta' Daryl John Cachia).

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi fl-ewwel lok, permezz tal-ewwel imputazzjoni l-imputat jinsab akkuzat bir-reat ta' traffikar tad-droga eroina fis-6 ta' Frar 2012 u matul l-erbatax-il xahar ta' qabel din id-data, liema reat skond din l-imputazzjoni, huwa aggravat bid-distanza. Permezz tat-tieni imputazzjoni, imbaghad, l-imputat jinsab akkuzat bil-pussess aggravat tal-eroina u dan b'referenza ghall-istess zmien.

Kif inghad izjed 'il fuq, fil-kamra tas-sodda tal-imputat odjern, go bott tal-*plastic* zghir, instabu tlett iqratas tal-karti bid-droga eroina (b'piz rispettiv ta' 0.08 grammi, 0.05 grammi u 0.06 grammi), bicca plastik trasparenti li kien fiha trab bl-eroina f'piz ta' 1.97 grammi u raza tal-*cannabis* f'piz ta' 1.93 grammi.

Fl-istqarrija rilaxxjata minnu[8], wara li nghata s-solita twissija li kellu d-dritt li jibqa' sieket, kif ukoll wara li nghata d-dritt li jiehu parir legali qabel l-interrogatorju tieghu, liema parir huwa ghazel li jezercitah, b'referenza ghal dawn l-oggetti misjuba taht il-komodina fil-kamra tas-sodda tieghu, ghalkemm ghall-ewwel **l-imputat** jghid li ma jafx ta' min huma, li ma kienx jaf bihom ghaliex kieku kien jarmihom u li ma jafx jekk kienux ta' ohtu Marica Muscat li sa fejn kien

[8] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 22 *et seq* tal-process.

jaf hu ghandha l-vizzju, sussegwentement jikkonferma illi huwa xtara din id-droga ghal ohtu Marica. Huwa jghid "*Iva imma mhux ghax irridha tiehu bl-addoc. Jien kulhadd jaf li dejjem hadt hsiebha lil Marica w nigri warajha. It-tbatija li ghandha gejja mil-problemi tad-droga w jien ma nhallijiex tisraq ... w ghalhekk iz-zewg grammi eroina li kien hemm fil-bott nqassamomla ftit ftit zghira jien*". Mistoqsi dwar il-bicciet tal-karti mqattghin li nstabu fil-bitha flimkien mal-*foil* mahruq, l-imputat jghid li dawn ma ramihomx hu, li ma jafx bihom u meta gie suggerit lilu illi l-qratas tal-karti li nstabu fil-bott huma maghmulin minn bicciet tal-karti simili hafna ghal dawk li nstabu fid-*dustbin* tal-bitha, l-imputat jghid illi "*Il-verita hi sir li ohti tippakja d-droga fil-qratas hames pakketti hames pakketti w iddum bihom hames t'ijiem imma nzommhom jien u ntijomla jien bil-mod halli ma tehodhomx f'daqqa ghax ma nafdajiex minhabba il-problema li ghandha imma nahlef li qatt ma bihhejt droga lill hadd*". Mistoqsi kemm kien ilu jixtri l-eroina ghal ohtu, huwa jghid "*ilni gimgha u nofs*". Mistoqsi dwar il-bicciet tar-rezina tal-*cannabis* u jekk dawn ukoll kienx xtrahom ghal ohtu, l-imputat iwiegeb fl-affermattiv u jghid li dan jaghmlu ghax jithassarha meta tkun *sick* u li x-xewqa tieghu hi li minflok tiehu l-imbarazz, ohtu taghmel xi *joint* xi kultant.

Mill-bqija, fl-istqarrija tieghu, l-imputat jichad li huwa qatt biegh droga lil terzi persuni. Meta gie ssuggerit lilu illi matul l-ahhar sitt xhur, il-pulizija kienu osservaw diversi persuni bil-vizzju tad-droga eroina jaghmlu kuntatt mieghu, jew jidhlu ghandu u johorgu 'l barra wara ftit minuti, l-imputat jghid illi qatt ma marru ghandu biex jaghtihom xi droga, li jmorru ghandu ghalkemm mhux f'kwantita`, biex jiehu *good time* u jghid li qatt ma ta droga lin-nies. Jghid illi fid-dar tieghu jirrisjedi hu u li qabel kienu joqoghdu fl-istess fond, Reno u hu u b'referenza ghaz-zmien tal-istqarrija, li gieli torqod ohtu ghandu. Meta rega' gie ssuggerit lilu illi huwa jbiegh id-droga eroina lil diversi persuni u li dawn jinqdew mill-appartament tieghu, huwa rega' cahad dan u qal li kieku m'ghandux dejn fuq kollox u cioe` fuq kera, fuq il-karozza, fuq dawl u ilma u dejn mal-bank. In oltre meta gie ssugerit lilu illi l-verzjoni li ta dwar ohtu kienet gidba u li fl-ahhar sitt xhur, huwa qeda diversi persuni li ghandhom l-vizzju tal-eroina u li fil-fatt kien hu li jqieghed id-droga fi qratas, huwa rega' qal li dan ma kienx minnu u qal ukoll illi li kieku kien minnu li l-pulizija raw in-nies dehlin ghandu biex jinqdew, dejjem setghu dahlu warajhom u ghamlulu *raid* dak il-hin. Rigward is-CCTV *cameras,* qal illi mhux minnu li ghamilhom biex ikun jaf min ikun gej biex jinqeda jew biex ikun jaf meta gejjin il-pulizija, u li dakinhar stess kien ra lill-pulizija telghin ghandu, izda xorta ma rema xejn ghalkemm kellu c-cans kollu. Qal li dawn ghamilhom ghaliex kemm il-darba serquhom, harqulhom il-karozza u ghaliex jibza' li jaghmlulu xi haga. Qal ukoll illi huwa la qatt ha droga eroina jew kokaina u lanqas *cannabis*.

**L-imputat** xehed f'dawn il-proceduri[9], fejn qal illi fil-jum in kwistjoni, huwa ra l-karozzi jipparkjaw quddiem l-appartament tieghu mill-*cameras,* nizel jiftah lill-pulizija u li dawn ghamlulu tfittxija fir-residenza tieghu. Qal illi wara l-komodina sabulu bott zghir li kien ta' ohtu, li kien izommha mieghu. Minn dakinhar tat-tfittxija, ma regax dahhalha d-dar. Qal illi kien jaf b'dan il-bott u li d-droga xtraha hu ghal ohtu biex jiehu hsiebha u biex din ma tmurx tisraq peress illi kellha l-vizzju tad-droga. Qal illi hu ried jixtri d-droga, izda ma kienx jaf minghand min kien ser jixtri, xtara gramma u qal lil ohtu biex taqsamha f'pakketti quddiemu. Qal li ohtu qasmithom f'seba' pakketti u kienet tiehu wiehed kuljum quddiemu u li dan ghamlu biex jaccerta ruhu li ohtu ma tihux hafna u biex ma tuzax labar. Qal ukoll li ohtu kienet tahraq l-eroina u li fil-fatt, il-pulizija sabu l-*foil* mahruq, li kienet ghadha kif uzat ohtu dakinhar stess. Skond l-imputat, ghalkemm ohtu qasmet id-droga quddiemu, huwa ma kienx jaf li l-bott bid-droga kien qieghed wara l-komodina u qal li ohtu kienet izomm id-droga hi. Qal li ohtu kienet tghix mieghu, ghalkemm ma kinitx fir-residenza fil-hin tat-tfittxija. Wara qal li kien jaf li d-droga kienet fir-residenza tieghu u li kien xtralha d-droga darba biss ossia din id-darba u li f'dik l-okkazzjoni kien xtralha ghal gimgha shiha.

Fir-rigward tax-xhieda ta' Anthony Theuma u Daryl John Cachia, l-imputat cahad li huwa jbiegh jew biegh id-droga. Dwar Theuma, l-imputat qal illi t-tifel habat bil-karozza hdejhom, dan Theuma waqaf u staqsa lill-imputat ghandux bzonn xi haga. Qal li kien jaf li dan kien habib ta' Nazzareno Mercieca u li dan qatt ma mar ghandu (ghand l-imputat). Qal illi huwa kien ilu ghaxar snin f'relazzjoni ma' Mercieca, li dak iz-zmien tat-tfittxija ma kienx ghadu mieghu u li Mercieca kien xtara dar faccata tieghu. Qal illi Mercieca u hu kienu ggieldu madwar tliet snin u nofs qabel (jigifieri ghall-habta ta' Gunju 2011) u wara jghid li ggieldu hames xhur qabel dan il-kaz (jigifieri Settembru 2011). Qal li hu kien qabad lil Mercieca ma' mara u li Mercieca ried ipattiha lill-imputat u li hu stess ried ipattiha lil Mercieca. Dwar Daryl John Cachia, qal li dan ukoll habib kbir ta' Mercieca u li hu (l-imputat) ma kienx jafu. Qal illi Mercieca jghix fil-blokka ta' quddiemu. Innega li huwa qatt biegh eroina lil Theuma u lil Cachia u qal li dawn hbieb ta' Reno, li kien rahom id-dar ta' Reno u li ghandu qatt ma kienu marru. Qal illi dawn semmew lilu biex ma jsemmux lil Mercieca ghaliex jibzghu minnu u li wiehed mix-xhieda fil-fatt identifika lil Mercieca fix-xhieda tieghu. B'referenza ghall-istqarrija rilaxxjata minnu, l-imputat rega' cahad li qatt biegh xi droga, qal ukoll li ma nstabulux zewg grammi eroina u kkonferma l-korrettezza tal-kontenut taghha, hlief ghall-ammont ta' zewg grammi. Qal illi l-pulizija dejjem sabu l-ghajnuna minghandu u li huwa ghenhom anke sabiex jipprovaw jaslu ghal persuni ohrajn.

9 A fol. 208 *et seq* tal-process.

In kontro-ezami, l-imputat qal illi kien ilu ghaxar snin jghix ma’ Reno Mercieca. Ikkonferma illi huwa kien jahbilu lil Mercieca ghax kien jibza’ minnu u jghid li zbalja meta l-Pulizija ppruvaw jaghmlu tfittxija ghand Mercieca u huwa (l-imputat) fixkilhom. Qal li dan ghamlu ghax kien jibza’ minn Mercieca u anke ghaliex kien ihobbu hafna. B’referenza ghall-istqarrija fejn huwa qal li ma kienx jaf minghand min xtara d-droga ghal ohtu, huwa qal li mhux minnu li ma kienx jaf, izda ma riedx jikxef minghand min xtraha ghaliex dellu tqil. Qal illi huwa qatt ma biegh droga ghal Mercieca u li huwa kellu mpjieg. Qal illi lil Theuma u lil Cachia lanqas qatt ma kellimhom, li huma hbieb ta’ Mercieca u li kienu jmorru ghandu faccata u li dawn jafu li huwa ma kellux x’jaqsam xejn, izda gew imgeghla sabiex jixhdu kontra tieghu.

Oht l-imputat, **Marica Muscat**[10], xehdet illi fl-ahhar snin kellha problema ta’ droga, li hija kienet ghamlet zmien tghix ma’ ohtha (l-imputat) meta kellha problema qawwija, li dan kien izommha mieghu biex ma tmurx tisraq u tiehu l-eroina, li kienet tghix mieghu f’Bormla u li dan kien ghall-habta tas-sena 2012. Qalet li fiz-zmien ta’ dan il-kaz ossia meta sabu d-*dope* taghha fid-dar tal-imputat, hija kienet tghix mieghu, fis-sens illi kienet torqod ghandu, imbaghad titlaqlu biex ma jkunx jaf kemm qed tiehu droga. Qalet ukoll illi kellha d-droga eroina ghand l-imputat, li din kien izommielha hu biex ma tehodhiex kollha f’daqqa, ghalkemm hija xorta kienet tahrablu. Ix-xhud qalet li dak iz-zmien kienet qeghda tnaqqas u cioe` kienet tiehu pakkett fil-ghodu, pakkett wara nofsinhar u pakkett fil-ghaxija.

F’dawn il-proceduri, il-Prosekuzzjoni esebiet ukoll zewg processi verbali li jikkontjenu l-istqarrija guramentata ta’ Anthony Theuma u Daryl John Cachia u dan ai termini tal-Artikolu 24A(12) u (13) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fl-istqarrija rilaxxjata minnu fit-30 ta’ Lulju 2011,[11] **Anthony Theuma** jikkonferma illi dakinhar stess huwa gie mwaqqaf il-Fgura u gewwa pakkett tas-sigaretti nstablu qartas tal-karti bit-trab allegatament eroina u li dan kien tieghu. Qal illi kien ilu bil-vizzju madwar sena u li kien jiehu l-eroina forsi tliet darbiet fil-gimgha u mhux regolarment u li kien jahraqha. Qal illi huwa kien xtara l-qartas li nstablu dakinhar minghand certu wiehed Terry, xaghru twila, iffemminat u joqghod Bormla u li kien hallas €10 tieghu. Qal li bhala piz ma kienx jaf kemm fih, izda li ma tantx ikun fih. Qal illi kien ilu jixtri l-eroina minghand Terry ghal dawn is-sitt xhur, ghalkemm ma kienx jixtri kuljum, ghaliex ma jiehux kuljum u

[10] A fol. 253 *et seq* tal-process.
[11] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 12 tal-process verbal esebit bhala Dok. OD 2.

mistoqsi jekk apparti li kien jixtri minghand Terry, qatt inqeda minghand haddiehor, huwa wiegeb fin-negattiv. Huwa sar jaf b'Terry minghand in-nies ghaliex iparlaw u li biex jinqeda minghandu, huwa jmur f'Bormla, fejn joqghod Terry, jidhol mill-bieb tal-komun li jkun miftuh, jibqa' tiela fl-ewwel sular u jhabbat, Terry jiftahlu, jaghtih id-droga u huwa jhallsu. Qal li Terry qatt ma dahhlu gewwa.

Dakinhar stess l-istess Theuma kkonferma din l-istqarrija tieghu bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti.[12] Fix-xhieda tieghu kkonferma wkoll li qabel imur ghand Terry, huwa ma javzahx izda jaqbad u jmur u li ma jcempillux qabel. Qal li meta jmur dejjem jaqdih, ghalkemm gieli kien jerga' jmur biex jinqeda jew inkella ma jmur xejn. Huwa rega' kkonferma li l-persuna li kien qed jigi muri mill-Magistrat Inkwirenti kien fil-fatt il-persuna li kien qed jindika hu.

Fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri[13], fl-24 ta' Frar 2012, **Anthony Theuma** kkonferma li kien gie investigat f'Lulju 2011, wara li gie arrestat mill-pulizija waqt li kien il-Fgura u dan wara li kien instab pakkett ossia qartas tal-karti bl-eroina fil-pussess tieghu, liema qartas gie muri lilu u huwa gharfu bhala l-qartas li kien xtara. Qal li dan kien gabu minghand l-imputat u li ghalih kien hallas €10. Mistoqsi kemm il-darba kien xtara minghand l-imputat, huwa qal li kien xtara dik id-darba biss. Qal li huwa kien nizel Bormla, kif taqbez il-mini, li l-imputat jghix go appartament, dahal fil-blokka tal-appartamenti, tela' sular, habbat, l-imputat tah il-pakkett, huwa hallsu €10 u telaq l'hemm. Ix-xhud rega' qal li ma kienx hemm okkazzjonijiet ohra li fihom xtara minghand l-imputat, izda kien xtara darba biss. Wara li saritlu referenza ghax-xhieda tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti u gharaf il-firma tieghu fuq l-istqarrija rilaxxjata minnu u fuq ir-ritratt li fuqu gharaf lill-imputat u rega' gie mistoqsi kemm il-darba inqeda minghand l-imputat, huwa qal "*ezatt ma nafx imma m'ilnix nuza hafna jien, xi 6 xhur*" u qal illi din tas-sitt xhur kienet il-verzjoni korretta, ghalkemm ma jixtrix kuljum. Mistoqsi ghalfejn qal li kien xtara darba, wiegeb li ma jafx u rega' qal illi l-verzjoni t-tajba kienet tas-sitt xhur. Imbaghad mistoqsi kemm il-darba xtara f'sitt xhur, huwa qal illi ma jafx u meta rega' gie mistoqsi qal ghoxrin darba u kull darba kien ihallas €10. Qal li qatt ma nqeda minn x'imkien iehor. Mistoqsi mill-Qorti kif semma ghoxrin darba, meta fl-istqarrija qal li kien imur tliet darbiet fil-gimgha ghal sitt xhur, ix-xhud qal li ezatt ma kienx jiftakar kemm il-darba inqeda imma kien ilu jmur sitt xhur u li dejjem xtara minghand l-imputat f'dawn is-sitt xhur. Wara li gie mwissi mill-Qorti li kien qieghed bil-gurament, qal li ezatt kemm il-darba xtara ma kienx jaf, forsi

[12] Ara x-xhieda tieghu a fol. 5 *et seq* tal-process verbal.
[13] A fol. 32 *et seq* tal-process.

izjed u li forsi mar 50 jew 60 darba. Qal illi kien jiehu forsi tliet darbiet jew darbtejn fil-gimgha u li f'dawn id-drabi kien igib id-droga minghand l-imputat.

In kontro-ezami, mistoqsi kemm ilu jaf lill-imputat, huwa wiegeb li kien ilu jafu sitt xhur jew seba' xhur u li qabel gieli rah, imma qatt ma kellu kuntatt mieghu. Qal illi n-nies qalulu li l-imputat kien ibiegh. Meta saritlu referenza ghax-xhieda tieghu in ezami fis-sens illi l-ewwel qal li kien xtara minghand l-imputat darba biss u wara qal mod iehor, huwa wiegeb hekk "*... l-problema meta nohrog minn hawn hekk jiena wahdi nkun jigifieri jekk jigi xi hadd ghalija ma nahsibx li ser tigi int*". Qal li kien imur filghodu, f'hinijiet diversi ghalkemm gieli mar f'nofsinhar u anke fis-2.00 p.m., imma fil-maggor parti kien imur fil-ghodu. Mistoqsi meta mar l-ahhar, ix-xhud irrefera ghad-data tal-istqarrija li ma kienx jafha bl-amment u qal li kien fis-Sajf u kienet diehla x-Xitwa. Meta lix-xhud saritlu referenza ghall-fatt li dan sehh f'Lulju u li allura ma kinitx diehla x-Xitwa, qal li kien fil-qrib li tigi x-Xitwa. Mistoqsi minn fejn kien igib il-flus biex jixtri l-eroina, huwa qal li kien igibhom mic-*cheque* tar-*relief* u li kien jaqbad €90 jew €100 fil-gimgha. Qal li huwa qatt ma biegh eroina. Rega' qal illi huwa kien imur fil-ghodu, ghalkemm gieli l-imputat ma kienx hemm u rega' mar. Qal li huwa kien jixtri qartas wiehed u mbaghad gieli kien jerga' jmur u jixtri iehor u li kien imur tliet darbiet f'gimgha. Qal li huwa sar jaf bl-imputat minghand persuni ohrajn tal-eta` tieghu li jiehdu d-droga.

Fl-istqarrija rilaxxjata minnu fil-5 ta' Gunju 2011[14], ix-xhud **Daryl John Cachia** qal illi huwa jahdem bhala *accountant*, li huwa jabbuza mill-eroina u mill-*cannabis*, li kien ghamel zmien jabbuza mid-droga izda kien waqaf ghal kollox u li kien rega' beda jiehu d-droga dawn l-ahhar xahrejn u li f'dawn ix-xahrejn kien abbuza kemm mill-eroina, kif ukoll mill-*cannabis*. Qal li ma kienx jiehu kuljum, izda forsi darbtejn fil-gimgha. Qal li huwa jixtri qisu erba' pakketti eroina ta' €10 il-wiehed, fil-gimgha u li ma kienx ghadu jixtri *cannabis*. Qal li dejjem jixtri l-eroina minghand l-istess persuna. Dwar il-pakketti bit-trab ta' lewn kannella li nstabu dakinhar fil-pussess tieghu, huwa qal li dawn kien ghadu kif xtrahom, li kien xtara tliet pakketti ta' €10 il-wiehed u li dak il-hin li twaqqaf mill-pulizija, kien ghadu kif gej bihom. Qal li fil-ghodu ddecieda li jixtri tliet pakketti biex ikollu ghal gimgha, nizel ghand Terry bhas-soltu u habbatlu l-bieb, dan fetahlu u hu dahal fl-ghatba. Qal li Terry jafu lilu, li jaghrfu mill-ewwel u ghalhekk jaqbad u jiftahlu. Kif dahal, staqsieh kemm ried, huwa talbu tliet pakketti u tahomlu minn go bott li ghandu fuq il-gradenza fl-entrata. Hallas €30 u telaq. Mar id-dar, marru l-pulizija fuqu u arrestawh. Qal li fil-gimgha jixtri erba' pakketti minghand Terry

[14] A fol. 6 tal-process verbal esebit bhala Dok. DT1.

u jonfoq bejn wiehed u iehor €40 fil-gimgha, li lil Terry kien ilu jafu ftit xhur u li biex jinqeda minghandu, jaqbad u jmur ghandu, jhabbatlu u jiftah. Qal li ilu jinqeda minghand Terry madwar xahrejn u li dejjem qdieh bl-eroina u mid-dar.

Ix-xhud ikkonferma din l-istqarrija tieghu bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti fl-istess jum[15] u qal li lil Terry sar jafu billi rah barra, li kien jaf min hu u x'kien jaghmel ghaliex qalulu xi nies li jinqdew minghandu u waqaf ikellmu.

Fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri fit-23 ta' Marzu 2012[16], **Daryl John Cachia** qal illi matul is-sena ta' qabel, huwa kien instab fil-pussess ta' tliet pakketti eroina u li dawn kien xtrahom minghand l-imputat u li kien ilu jinqeda minghandu qisu fl-ahhar xahrejn qabel l-okkazzjoni li nqabad fiha. Qal illi huwa kien jixtri tlieta jew erba' pakketti eroina minghand l-imputat u li ghalihom kien ihallas €10 il-wiehed. Qal li huwa kien imur ghand l-imputat, fid-dar tieghu f'Bormla, dan jiftahlu, huwa jghidlu kemm irid pakketti u jhallsu. Qal li l-imputat kien joqghod fi blokka ta' appartamenti, il-bieb tal-komun kien ikun miftuh u kien ihabbatlu fuq il-bieb tieghu. Huwa kien joqghod fl-ghatba tal-bieb. Qal li huwa eroina biss kien jixtri minghand l-imputat. Huwa kkonferma li l-oggetti li gew murija lilu ossia Dok. DT 7 kienu l-oggetti li nstabu fil-pussess tieghu u li kien xtara l-eroina li nstabitlu minghand l-imputat. Wara li nqratlu l-istqarrija rilaxxjata minnu, huwa kkonfermaha u qal li l-bott li jsemmi fl-istqarrija tieghu kien bott zghir tal-*plastic*, izda ma kienx jiftakar il-kulur tieghu. Il-piz tal-pakketti ma kienx jafu izda kien ihallas €10.

In kontro-ezami, ix-xhud qal li meta kien imur jinqeda minghand l-imputat, huwa kien jibqa' fil-bieb ta' barra u kien jaf minn fejn l-imputat igib id-droga ghaliex kien jittawwal u jarah. Qal li l-imputat jiftahlu l-bieb u allura jarah. Mistoqsi jekk l-imputat u hu kinux hbieb, qal li qatt ma hareg jiehu *drink* mieghu u mistoqsi jekk qatt ikkunfidawx xi affarijiet bejniethom, bhal dwar ir-relazzjoni li l-imputat kellu ma' xi persuna ohra, ix-xhud wiegeb fin-negattiv. Mistoqsi jekk qatt semmilux lil certu Reno, qal li kien jaf min hu Reno u mistoqsi kif kien jaf min hu, huwa wiegeb li gieli tkellem ma' nies li kienu jabbuzaw mid-droga bhalu u li minghajr ma trid issemmi minghand min tinqeda. Qal li kien jaf lil Reno minn wiccu, izda ma kienx jaf x'kunjomu. Qal li gieli kellem lil Reno u qal li minghand Reno inqeda darbtejn bid-droga eroina. Qal li kien jaf li l-imputat u Reno kienu hbieb, izda izjed minn hekk ma kienx jaf. Qal li fuq it-telefon qatt ma tkellem mal-imputat dwar Reno, izda darba kien staqsieh ghalfejn Reno ma kienx ghadu

[15] A fol. 11 *et seq* tal-process verbal immarkat bhala Dok. OD1.
[16] A fol. 73 *et seq* tal-process.

joqghod mieghu. Kien jaf li Reno kien jghix fl-istess appartament mal-imputat. Qal li huwa kien xtara d-droga minghand Reno f'Bormla u li dan kien ghamlu fl-istess zmien li xtara minghand l-imputat. Muri ritratt ta' Reno Mercieca, ix-xhud ikkonferma li huwa kien qed jirreferi ghal din il-persuna fix-xhieda tieghu. Meta mistoqsi ghaliex lil Reno ma kienx semmieh meta gie mistoqsi mill-pulizija minghand min kien jixtri d-droga u meta gie ssuggerit lilu mid-difiza illi huwa jibza' minnu u kien ghalhekk li qatt ma semmieh, ix-xhud wiegeb li kienu zewg kazijiet remoti, li lilu qabduh bl-eroina li xtara minghand l-imputat u ghalhekk semma biss lill-imputat u li ma kienx hemm ghalfejn ikabbarha billi joqghod jghid minghand min kien xtara izjed. Qal li ma hassx li ghandu jdahhal lil Reno fl-istorja. Meta gie ssuggerit lilu illi huwa qatt ma xtara droga minghand l-imputat, izda dejjem xtara minghand Reno, huwa cahad dan. Qal li huwa sar jaf b'Reno minghand in-nies u li dan issemma bhala persuna konnessa mad-droga. Qal li lill-imputat sar jafu fit-triq, waqqfu u staqsieh u mistoqsi kif sar jaf li l-imputat ibiegh id-droga, huwa qal li kien jaf li l-imputat ghamel zmien joqghod ma' Reno u haseb li la jkollu wiehed, ikollu l-iehor. Meta gie ssuggerit lilu illi inizzjalment kien jakkwista d-droga minghand Reno, huwa wiegeb fin-negattiv u qal li huwa kien sema' li Reno jbiegh id-droga u li fil-fatt kemm Reno, kif ukoll l-imputat issemmew mieghu u sema' li kienu jghixu flimkien. Huwa nnega li meta kien imur jixtri d-droga minghand Reno, kien ikun hemm l-imputat u qal li huwa mar jixtri d-droga minghand Reno darbtejn. Qal li l-imputat ma kienx hemm, huwa ried jixtri d-droga, qasam faccata tal-appartament tal-imputat u habbat il-bieb ta' Reno biex jinqeda. Qal li huwa kien sar jaf li Reno u l-imputat kienu ghamlu zmien joqoghdu flimkien u li wara ma baqghux joqoghdu flimkien. Qal li kien jaf li kienu hbieb, mhux li kellhom relazzjoni. Ix-xhud cahad li huwa u l-imputat kienu jitkellmu fuq affarijiet personali jew li gieli haraq id-droga ghandu, jew li kien hemm drabi fejn xtara d-droga minghand Reno u mar jahraqha ghand l-imputat jew mar ghandu biex joqoghdu jitkellmu. Rega' qal li biex jixtri d-droga minghand l-imputat, huwa kien jaqbad imur. Lill-imputat ma sabux darbtejn u xtara minghand Reno, izda jista' jkun li ma sabux drabi ohra u mar lura d-dar, minghajr ma mar ghand Reno. Qal li huwa qatt ma dahal ghand l-imputat u li jekk dahal, ma jiftakarx, izda ma jidhirlux li dahal. Qal illi huwa kien ihallas lill-imputat u jiehu d-droga minghandu fuq l-ghatba tal-bieb tal-appartament tieghu u li jaf li f'dak il-pjan kien hemm bibien ta' appartamenti ohrajn. Qal li meta kien jara lill-imputat jaghtih id-droga mill-bott, dan il-bott kien ikun fuq *unit* tal-injam, zewg passi l'boghod mill-bieb. Qal li minghand Reno ma kienx jixtri droga b'izjed minn €20, ghalkemm ma kienx jaf il-piz. Huwa kien jghidlu biex jaghtih pakkett ta' €20 u dan jaghtih pakkett. Qal li minghand Reno, huwa kien xtara fil-perjodu tax-xahrejn li fihom kien qed jiehu l-eroina, qabel gie arrestat. Qal li minghand l-

imputat kien imur jixtri darbtejn fil-gimgha.  In ri-ezami, meta gie muri l-bott li nstab taht il-komodina tal-imputat, ix-xhud wiegeb li ma kienx qed jaghrfu.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi fl-ewwel lok, jekk il-Qorti tikkunsidra biss il-verzjoni moghtija mill-imputat fl-istqarrija rilaxxjata minnu u fix-xhieda tieghu, jirrizulta illi l-imputat fil-fatt forna d-droga eroina lil ohtu Marica Muscat u dan billi kif jghid huwa stess, xtralha d-droga eroina, bl-intiza li jzommha hu u jaghtiha minnha ftit ftit, kif fil-fatt skond hu kien jaghmel u dan sabiex ohtu ma tihux kwantitajiet ta' droga f'daqqa u ma tmurx tisraq ghad-droga.  Ohtu Marica Muscat tikkonferma li l-imputat kien izommilha d-droga biex izommilha kontroll.  Jirrizulta wkoll illi fil-bitha fir-residenza tal-imputat instab *foil* li rrizulta pozittiv ghall-eroina, li jfisser li xi hadd kien effettivament jabbuza mill-eroina fir-residenza tal-imputat, li da parti tieghu jichad li qatt ha droga, inkluz eroina.  Kienet x'kienet l-intenzjoni tal-imputat f'dan kollu, huwa evidenti li l-fatt li huwa xtara d-droga ghal ohtu u taha minnha ftit ftit, skond hu, qartas kuljum u zammielha fil-pussess tieghu, jammonta kemm ghal traffikar ta' droga eroina, kif ukoll ghall-pussess aggravat tal-istess.

Skond l-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, il-kelma 'traffikar' tinkludi "*l-koltivazzjoni, l-importazzjoni f'dawk ic-cirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinietx ghall-uzu esklussiv tal-hati, il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, li wiehed joffri li jaghmel xi wiehed minn dawn l-atti, u l-ghoti ta' informazzjoni intiza biex twassal ghax-xiri ta' tali medicina bi ksur ta' din l-Ordinanza*" (sottolinear tal-Qorti).  Il-kelma 'provvista' fit-test Ingliz hija indikata bhala '*supply'.*  Huwa car illi bil-fatt illi l-imputat ghadda d-droga lil terza persuna ossia lil ohtu, anke jekk minghajr hlas jew korrispettiv, huwa kien qieghed jipprovdiha jew iforniha bid-droga u ghaldaqstant dan jammonta ghal traffikar fis-sens li trid il-ligi.

Il-Qorti tirreferi wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali tas-26 ta' Awwissu 1998, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marvin Cachia**, fejn l-istess Qorti rriteniet hekk dwar traffikar:-

"*Il-Qorti tosserva qabel xejn li meta wiehed ikollu d-droga (f'dan il-kaz raza tal-cannabis) u jew jaqsamha ma' haddiehor (anke jekk mhux ghall-flus jew xi korrispettiv iehor) jew jippermetti lil haddiehor li juza minnha, ikun hemm traffikar skond il-ligi.  Anke jekk wiehed ihalli d-droga f'post accessibbli ghal terzi*

*u fejn jaf li x'aktarx ser tittiehed minn haddiehor, u din effettivament hekk tittiehed, ikun hemm traffikar*".

Il-Qorti m'ghandha xejn izjed x'izzid ma' dan kollu. Ghar-rigward tal-pussess bl-aggravanti, imbaghad, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason Mallia**, moghtija fit-2 ta' Settembru 1999 (Appell Nru. 130/1999), fejn inghad hekk fir-rigward tar-reat in kwistjoni:

"*Qabel xejn ghandu jigi precisat li mhux korrett li wiehed jghid li biex jikkonfigura r-reat ta' pussess bl-aggravanti kontemplata fl-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 irid ikun hemm provi li juru li l-pussessur kellu l-animus li jispacca d-droga. Jekk tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni mhix mehtiega ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati". Fi kliem iehor, jekk persuna jkollha pussess ta' droga li mhix bi hsiebha tuza, tali pussess ikun jammonta ghal pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, anke jekk il-pussessur ikun ghadu ma ddecidiex kif bi hsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil-kelma 'uzu' il-legislatur ried ifisser "konsum", u cioe` li l-pussessur juza huwa stess dik id-droga ossia jabbuza minnha billi jikkonsmaha.*"

Huwa wkoll evidenti ghalhekk mill-verzjoni moghtija mill-imputat, illi l-pussess tad-droga eroina da parti tieghu kien wiehed aggravat.

Issa fil-pussess tal-imputat instabu bicca *plastic* bit-trab f'piz ta' 1.97 grammi u tlitt iqratas bil-piz rispettiv ta' 0.08 grammi, 0.06 grammi u 0.05 grammi, f'total ghalhekk ta' 2.16 grammi. Ghalkemm fl-istqarrija tieghu l-imputat jghid illi huwa kien ilu jixtri d-droga eroina ghal ohtu ghal gimgha u nofs, fix-xhieda tieghu, huwa jghid li huwa xtara d-droga darba biss u li kien xtara ghal gimgha shiha. Fl-istqarrija jghid li ohtu qassmet id-droga hija stess u li kienet taqsamha hames pakketti, hames pakketti u fix-xhieda tieghu jghid li kien jaghtiha wahda kuljum. Jghid ukoll illi ohtu kienet ghadha kemm hadet id-droga dakinhar stess, filghodu. Dan ifisser illi apparti l-qratas li nstabu, kien hemm qartas iehor li kien gie kkunsmat, u dan apparti wkoll li kieku ohtu qasmet id-droga f'hamest iqratas hamest iqratas (skond l-istqarrija) u f'sebat iqratas (skond ix-xhieda), allura kien hemm izjed qratas originarjament ma' dawk li nstabu. Issa jekk kif jghid l-imputat, huwa kien jaghti qartas kuljum lil ohtu, u la darba l-medja tal-pizijiet tal-qratas li nstabu hija dik ta' 0.06 grammi, ifisser illi apparti t-tlett iqratas fil-pussess

tal-imputat, fil-bicca plastik b'piz ta' 1.97 grammi, kien hemm bizzejjed trab biex johorgu kwazi tlieta u tletin qartas iehor (1.97 divizi b'0.06) u ghalhekk certament li kien hemm izjed minn droga ghal gimgha. Dan jekk wiehed jiehu biss in konsiderazzjoni dak li nstab fil-pussess tal-imputat u mhux l-ammont li kien xtara l-imputat originarjament ghal ohtu – skond l-istqarrija tieghu sa gimgha u nofs qabel. U jekk l-imputat xtara d-droga gimgha u nofs qabel u kif jghid hu, kien jaghti qartas lil ohtu kuljum, dan ifisser illi apparti d-droga li nstabet, kien hemm ukoll madwar 0.6 grammi ohra (0.06 multiplikati b'ghaxart ijiem) originarjament. Ghalhekk altru milli l-imputat xtara gramma eroina ghal ohtu, kif jghid fix-xhieda tieghu jew illi xtralha eroina ghal gimgha.

Issa apparti l-verzjoni tal-imputat li, kif inghad, diga` twassal lill-Qorti sabiex issibu hati dwar l-imputazzjonijiet ta' traffikar u pussess bl-aggravanti tad-droga eroina, il-Qorti imbaghad hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet opposti ossia dik tal-imputat fejn jichad kategorikament li huwa qatt biegh xi droga lil terzi persuni u min-naha l-ohra dik tax-xhieda, Anthony Theuma u Daryl John Cachia li jghidu li xtraw id-droga eroina minghand l-imputat f'diversi okkazzjonijiet.

Skond l-Artikolu 638(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, f'kull kaz, ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar. L-Artikolu 637 imbaghad jiddisponi illi f'kwistjonijiet li jolqtu l-kredibilita` ta' xhud, ghandu jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa, jekk hix konsistenti u ta' fattizzi ohra tax-xhieda tieghu, jekk dik ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Gie imbaghad ritenut illi mhux kull kunflitt fil-provi jwassal necessarjament ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata, imma l-gudikant irid jara lil min ser jemmen u f'hiex ser jemmnu u ma jemmnux, tenut kont tal-kriterji kontenuti fl-Artikolu 637 appena imsemmija (Qorti tal-Appell Kriminali, **<u>Il-Pulizija vs Joseph Thorne</u>**, deciza fid-9 ta' Lulju 2003).

In oltre skond l-Artikolu 30 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta persuna tkun xtrat jew xort'ohra kisbet jew akkwistat medicina bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza, ix-xhieda ta' dik il-persuna fi procedimenti kontra l-persuna li minghandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-medicina, m'ghandhiex ghalfejn tkun korroborata b'cirkostanzi ohra. Imbaghad skond l-Artikolu 30A tal-Kap. 101, minkejja d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 661 tal-Kap. 9, meta xi persuna tkun involuta f'xi reat kontra dik l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni maghmula minn dik il-persuna u li tigi konfermata bil-gurament quddiem magistrat, tista tingieb bi prova

kontra kull persuna ohra akkuzata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm il-darba jinstab li dik id-dikjarazzjoni tkun saret jew inghatat volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid jew biza', jew b'weghdiet jew twebbil ta' vantaggi.

Il-Qorti fliet bir-reqqa l-istqarrijiet guramentati u x-xhieda moghtija minn Daryl John Cachia u Anthony Theuma u hasbet fit-tul fir-rigward taghhom, kif ghamlet ukoll fir-rigward tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat u x-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri.

Il-Qorti tinnota fl-ewwel lok li anke f'dettalji zghar, l-imputat biddel il-verzjoni tieghu matul ix-xhieda li ta f'dawn il-proceduri. Hekk per ezempju, ghalkemm ghall-ewwel huwa jghid illi huwa seta' facilment jarmi l-bott bid-droga li nstab taht il-komodina tal-kamra tas-sodda tieghu hekk kif ra l-pulizija gejjin mis-sistema tas-CCTVs li kellu fl-appartament tieghu, li jfisser ghalhekk illi huwa kien jaf fejn kien qieghed dan il-bott u jghid ukoll illi d-droga kien izommha hu sabiex minnha jkun jista' jaghti lil ohtu bil-mod, ftit wara huwa jghid li ma kienx jaf li l-bott bid-droga kien qieghed taht il-komodina ghaliex dan kienet izzommu ohtu – fatt li m'huwiex attendibbli, ghaliex jekk l-imputat ried jixtri u jzomm id-droga ghal ohtu biex ikun jista' jikkontrolla kemm din kienet tiehu droga, x'sens kien jaghmel li zzomm id-droga ohtu stess? U jekk l-imputat jghid li seta' facilment jarmi d-droga qabel dahlu ghandu l-pulizija, allura kif wara jghid illi ma kienx jaf li l-bott bid-droga kien qieghed taht il-komodina?

Fir-rigward tax-xhieda ta' Daryl John Cachia u Anthony Theuma, imbaghad, il-Qorti tqis fl-ewwel lok, illi hawnhekk non si tratta ta' xhud wiehed, izda ben zewg xhieda, li f'kazijiet separati u distinti minn xulxin u fi zminijiet differenti ossia fil-5 ta' Gunju 2011 u fit-30 ta' Lulju 2011 rispettivament, it-tnejn indikaw lill-imputat bhala l-fornitur taghhom tad-droga eroina. Fit-tieni lok, il-Qorti ma tistax ma tinnutax fatturi identici fix-xhieda ta' Cachia u Theuma ossia l-mod kif dawn jghidu li kienu jinqdew minghand l-imputat u cioe` billi minghajr ma jcemplulu, jmorru ghandu, jidhlu mill-bieb tal-komun tal-blokk tal-appartamenti li fih jghix l-imputat li t-tnejn jghidu li kien ikun miftuh, jitilghu fl-ewwel sular u jhabbtulu fuq il-bieb, jibqghu barra l-bieb, jghidulu kemm ikunu jridu droga, huwa jnewwlilhom id-droga u huma jhallsuh. Mhux biss, izda l-pizijiet tal-qratas misjuba fil-pussess ta' Cachia – wiehed bil-piz ta' 0.04 grammi u tnejn bil-piz ta' 0.05 grammi – u l-piz tal-qartas fil-pussess ta' Theuma – 0.05 grammi – huma kwazi identici, kif huwa wkoll identiku l-prezz li huma kienu jhallsu ghal dawn il-qratas. In oltre huwa ferm attendibbli li l-prezz ta' dawn il-qratas kien ta' €10 il-wiehed u li x-xhieda kienu jixtru d-droga minghand l-imputat b'dan il-prezz. Il-Qorti ma tistax

ma tinnutax ukoll kif, ghalkemm l-imputat jghid illi kemm Theuma, kif ukoll Cachia qatt ma marru d-dar tieghu, li ma jafhomx u li kienu hbieb ta' Reno Mercieca u li dawn kienu jmorru faccata fid-dar ta' Mercieca, dawn it-tnejn jghidu b'mod identiku kif kienu jinqdew minghand l-imputat billi jitilghu fl-ewwel sular tal-blokka ta' appartamenti fejn dan jghix. Mhux biss, izda ghalkemm l-imputat fix-xhieda tieghu jsostni illi dawn ix-xhieda jsemmu lilu bhala l-fornitur taghhom biex fil-fatt ma jsemmux lil haddiehor – ossia lil Reno Mercieca – dan zgur li ma jistax jinghad illi huwa l-kaz fil-konfront tax-xhud Cachia. Fil-fatt ghalkemm fl-istqarrija rilaxxjata minnu u kkonfermata minnu bil-gurament, dan ix-xhud jghid illi huwa dejjem xtara l-eroina minghand l-istess persuna u dan b'referenza ghall-imputat, fix-xhieda tieghu meta gie ssuggerit lilu li huwa gieli nqeda minghand Mercieca, minghajr l-ebda tidwir ta' kliem u reticenza da parti tieghu, ix-xhud mill-ewwel wiegeb "*Darbtejn*".[17] Sahansitra x-xhud spjega wkoll kif f'zewg okkazzjonijiet huwa ma sabx lill-imputat meta mar ghandu sabiex jixtri l-eroina u ghalhekk mar faccata fejn kien joqghod Mercieca u nqeda minghandu. Dan ix-xhud ghalhekk effettivament semma lil Mercieca meta gie mistoqsi dwaru u anke indikah fuq ritratt li gie muri lilu mill-prosekuzzjoni fuq talba tad-difiza. Il-Qorti ssib ukoll attendibbli l-ispjegazzjoni li ta Cachia fix-xhieda tieghu, fis-sens illi huwa semma biss lill-imputat fl-istqarrija tieghu u mhux lil Mercieca, ghaliex id-droga li nstabet fil-pussess tieghu fil-5 ta' Gunju 2011 kien akkwistaha minghand l-imputat. Il-Qorti tinnota wkoll illi fil-waqt illi Theuma kien reticenti mill-bidu fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri u kellu anke jigi mwissi mill-Qorti diversi drabi li kien qieghed jixhed bil-gurament u dwar il-konsegwenzi ta' xhieda falza, specjalment b'referenza ghall-fatt illi fil-bidu tax-xhieda tieghu huwa qal li kien xtara l-eroina darba biss minghand l-imputat, izda sussegwentement ikkonferma l-istqarrija tieghu fejn kien qal li kien ilu jixtri minghandu sitt xhur – u dwar dan il-Qorti ma tistax ma tinnutax ukoll illi ghalkemm fl-istqarrija tieghu huwa jghid li kien ilu jabbuza mill-eroina madwar sena, qal ukoll illi kien ilu jinqeda minghand l-imputat madwar sitt xhur, li jfisser ghalhekk necessarjament li kuntrarjament ghal dak li qal fl-istqarrija tieghu u anke fix-xhieda tieghu, qabel dan iz-zmien huwa kien jinqeda minghand haddiehor – mill-banda l-ohra l-Qorti tista' tifhem li xhud jista' jkollu certa biza' meta jigi biex jixhed quddiem il-persuna li huwa jikxef u fil-fatt mhux l-ewwel darba li din il-Qorti irriskontrat sitwazzjonijiet fejn xhud jipprova jtaffi s-sitwazzjoni ghal dak li jkun gie biex jixhed kontrih. Biss kif inghad, minkejja r-reticenza, l-incertezza u anke l-inkonsistenza ta' Theuma fix-xhieda tieghu, b'mod partikolari fir-rigward tan-numru ta' drabi li huwa jghid li kien xtara d-droga minghand l-imputat, ix-xhieda tieghu hija f'certi aspetti identika ghal dik ta' Cachia li dwaru zgur li ma jistax jinghad li kien xhud riluttanti, incert

[17] A fol. 85 tal-process.

jew vag.  Anzi ghalkemm Cachia ma xehedx quddiem din il-Qorti, kif preseduta, u ghalhekk din il-Qorti ma setghetx tara u tevalwa l-komportament tieghu fuq il-pedana tax-xhieda, kif wara kollox lanqas ma semghet ix-xhieda ta' Theuma, biss mit-traskrizzjoni tax-xhieda ta' Cachia, kuntrarjament ghal dik ta' Theuma, il-Qorti tista' tara illi Cachia kien kontinwament konsistenti fix-xhieda tieghu, anke mal-istqarrija guramentata, ix-xhieda tieghu hija kredibbli u anke attendibbli u ghalkemm sarlu kontro-ezami twil u gew ripetuti lilu hafna domandi simili f'mumenti differenti tal-kontro-ezami, huwa baqa' jzomm ferm mal-posizzjoni tieghu, ma tfixkilx u baqa' konsistenti sal-ahhar.  Il-Qorti tinnota wkoll illi hekk kif ix-xhieda nqabdu fil-pussess tad-droga, *a tempo vergine* fl-istqarrija rilaxxjata minnhom, huma mill-ewwel indikaw lill-imputat odjern bhala l-fornitur taghhom u din l-istqarrija, t-tnejn li huma kkonfermawha bil-gurament dakinhar stess li rrilaxxjaw l-istqarrija, dejjem kif inghad, fi zminijiet distinti u separati minn xulxin.

Ghaldaqstant, tqis illi l-ewwel imputazzjoni ossia dik ta' traffikar tad-droga eroina giet sodisfacentement ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.  L-istess irid jinghad fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, ossia dik tal-pussess tal-eroina bl-aggravanti u dan ghaliex fl-ewwel lok, kif diga` inghad, li l-imputat jghid li kien qed izomm id-droga eroina fil-pussess tieghu meta din id-droga effettivament kienet intiza ghal ohtu Marica Muscat u meta fil-fatt huwa jghid li qatt ma ha droga eroina, jammonta ghall-pussess aggravat tal-istess droga u fit-tieni lok, la darba gie ppruvat lil hinn minn kull dubju ragjonevoli illi l-imputat forna d-droga eroina lil terzi persuni, isegwi necessarjament illi fil-pussess tieghu huwa kellu din id-droga li zgur li ma kinitx intiza ghall-uzu tieghu, wisq inqas ghall-uzu esklussiv tieghu.

Bhala parti mill-ewwel imputazzjoni, l-imputat gie addebitat ukoll bl-aggravanti tad-distanza u cioe` li huwa kkommetta r-reat ta' traffikar tad-droga eroina fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, *club* jew centru taz-zghazagh jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh u dan ai termini tat-tieni proviso ghall-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Mir-relazzjoni tal-Perit Valerio Schembri, jirrizulta illi l-post indikat mix-xhud Theuma bhala l-post li minnu kien jakkwista d-droga minghand l-imputat jinsab f'distanza ta' inqas minn mitt metru mill-fond bl-isem 'Horses Bar', li gie indikat lilu mill-Ufficjal Prosekutur ghal fini tal-aggravju tad-distanza.  F'dan ir-rigward, il-Qorti tirrileva madankollu illi ma ngabet l-ebda prova da parti tal-Prosekuzzjoni li turi li dan huwa post fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh.  Veru illi gewwa *bar* jista' jkun hemm ukoll zghazagh, izda f'certi *bars* jintasbu wkoll hafna rgiel ta' eta` izjed matura u ma jistax jinghad illi kull *bar* huwa necessarjament post li fih

normalment jiltaqghu z-zghazagh.  Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-prosekuzzjoni ma ppruvatx sodisfacentement dan l-aggravju.

Jonqos biss illi l-Qorti tikkunsidra it-tielet imputazzjoni migjuba kontra l-imputat ossia dik tal-pussess aggravat tar-raza tal-*cannabis*.  Dwar dan fl-ewwel lok, jirrizulta car illi s-sustanza misjuba fil-pussess tal-imputat kienet effettivament raza tal-*cannabis* f'piz ta' 1.93 grammi.  Jirrizulta wkoll mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, li bhal fil-kaz tal-eroina, din ir-raza huwa kien xtraha ghal ohtu Marica u kien izommha hu fil-pussess tieghu ghal ohtu.  Jirrizulta wkoll mill-istess stqarrija illi l-imputat lanqas kien jabbuza mill-*cannabis*.  Ghalhekk ir-raza tal-*cannabis* misjuba fil-pussess tal-imputat zgur li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu, izda kienet intiza biss ghall-uzu ta' terza persuna.  Ghaldaqstant, anke din l-imputazzjoni tirrizulta sodisfacentement ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Illi ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni fl-ewwel lok, il-fedina penali tal-imputat fiz-zmien tar-reati odjerni, li m'hijiex wahda allarmanti, tikkonsisti f'zewg kundanni – wahda dwar reat kontravvenzjonali u l-ohra dwar reat taht l-Artikolu 95 tal-Kap. 9 - u li l-ahhar reat jirrisali ghas-sena 1997.

Ikkunsidrat ukoll illi d-droga misjuba fil-pussess tal-imputat fil-jum in kwistjoni kienet tikkonsisti fi trab bl-eroina fil-piz ta' 2.16 grammi u raza tal-*cannabis* f'piz ta' 1.93 grammi.  Qieset ukoll illi l-imputat forna l-eroina lil zewg persuni u cioe` lil Theuma u lil Cachia u dan f'numru ta' okkazzjonijiet fil-perjodu indikat fic-*charge sheet* odjerna, apparti illi skond l-imputat, huwa provda l-eroina lil ohtu.

Tqis ukoll illi r-reat ikkontemplat fit-tieni imputazzjoni serva bhala mezz ghal fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat fl-ewwel imputazzjoni ai termini tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u applikat id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 17(b) u (f) fir-rigward tal-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939 u l-Artikoli 17 (b), (f) u (h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat mhux hati ta' dik il-parti tal-ewwel imputazzjoni dwar l-aggravju tad-distanza u tilliberah minn dan l-aggravju, fil-waqt illi qed issibu hati tal-ewwel imputazzjoni in kwantu huwa forna u pprokura d-droga eroina, kif ukoll tat-tieni u

tat-tielet imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u qeghda tikkundannah ghall-piena ta' **wiehed u ghoxrin (21) xahar prigunerija effettiva –** li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-hati inzamm taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati li hawn qed jinstab hati taghhom - u **multa ta' elf u mitejn Euro (€1,200)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas mill-hati b'rati mensili u konsekuttivi ta' sittin Euro (€60). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux aktar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Tikkundanna lill-hati ihallas tliet kwarti tal-ispejjez[18] li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ossia s-somma ta' mitejn u tnax-il Euro u wiehed u hamsin centezmu (€212.51) u l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada ammontanti ghas-somma ta' erba' mija, disgha u tmenin Euro u tletin centezmu (€489.30), izda m'hijiex tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert il-Perit Valerio Schembri. B'kollox ghalhekk il-hati ghandu jhallas is-somma ta' seba' mija u wiehed Euro u wiehed u tmenin centezmu (€701.81), liema somma ghandha tithallas fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, esebiti bhala Dok. DT4, DT5, DT6 u DT7, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Tordna r-rilaxx ta' Dok. DT3 ossia *mobile phone* tal-marka Nokia favur il-hati.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat

---

[18] Kif inghad izjed 'il fuq, l-analizi li saret fuq xi oggetti elevati mill-pussess tax-xhud Cachia ma kinitx relevanti ghal fini ta' dan il-kaz u ma setghetx ghalhekk tincidi fuq il-htija tal-imputat odjern.